**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT**
**DR. MONICA VELLA LL.D., M.Jur**

**Avviz Nru. 7/2016MV**

**De Vere & Partners Holding Ltd [C-31663]**

**vs**

**Annette Caruana [KI 383589M]**

**Illum, 28 ta' Settembru 2016**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors permezz ta' liema is-socjetà attrici De Vere & Partners Holding Ltd talbet lill-konvenuta Annette Caruana:

> *thallas is-somma ta' hamest elef tlett mija u tmienja u erbghin Euro u tnejn u hamsin centezmu (€5,348.52) ekwivalenti ghal u konsistenti fil-valur u l-ammont li inti ircevejt bhala pagi waqt il-perjodu ta' maternita fil-kors tal-ingagg tieghek bhala impjegata mas-socjeta attrici u li inti obbligata thallas skont sub-artikolu 20 tal-Artikolu 36 tal-Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet*

*Industrijali – Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta meta inti bhala impjegata tas-socjeta attrici rikorrenti ghazilt li ma tergax tidhol ghax-xoghol fil-post li kont tokkupa meta beda l-leave tieghek tal-maternita, meta ntemm il-leave tal-maternita.*

*Bl-imghaxxijiet legali ghall-hlas tardiv tal-imsemmija somma u bl-ispejjez kontra l-konvenuta li tinsab minn issa ngunta ghas-subizzjoni.*

Rat ir-risposta tal-intimata Annette Caruana li tghid hekk:

1. *Preliminarjament l-azzjoni attrici hija preskritta ai termini tal-artikolu 1027 u/jew tal-artikolu 2153 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

2. *Illi subordinament u assolutament minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li mhuwiex minnhu li l-esponent ghazlet hi li ma tirritornax ghax-xoghol fil-post li kienet tokkupa meta beda l-leave tal-maternita taghha u dan meta l-istess leave kien intemm u ghaldaqstant l-esponent qed tikkontesta l-pretensjonijiet kollha tas-socjeta attrici.*

3. *Illi s-socjeta attrici ma kinitx certa mix-xoghol li xtaqet taghti lill-konvenuta wara li l-esponent kienet lesta biex tidhol lura ghax-xoghol u kien appuntu dan il-konfuzjoni li wara hafna wassal sabiex is-socjeta attrici* <u>*unilateralment*</u>*, u anki b'mod fil-fehma tal-esponent irregolari, itterminat l-impjieg tal-esponent. Dan sahansitra wara li l-esponent kienet anki ddahhlet tahdem bi prova f'post analogu peress li skond l-*

*istess socjeta attrici il-post li hija kienet tokkupa ma kienx ghadu disponibbli.*

4. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.*

Rat u qieset l-atti kollha tal-kawza u l-provi kollha prodotti.

Rat illi fis-seduta tat-13 ta' Lulju 2016, il-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza preliminari dwar l-eccezzjoni preliminari tal-preskrizzjoni mressqa mill-intimata.

Ikkunsidrat:

Illi l-ewwel eccezzjoni mressqa mill-intimata tghid: "Preliminarjament l-azzjoni attrici hija preskritta ai terminu tal-Artikolu 1027 u/jew l-Artikolu 2153 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta".

Illi l-Artikolu 1027 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta jghid:

> **"***L-azzjoni biex jintalab lura dak li jkun ingħata mingħajr ma kien imiss, meta ma tkunx waqgħet bil-preskrizzjoni bis-saħħa tad-disposizzjonijiet miġjuba taħt it-titolu dwar il-preskrizzjoni, taqa' bil-preskrizzjoni bl-egħluq ta' sentejn minn dak in-nhar illi dak li lilu tmiss l-azzjoni jikxef l-iżball."*

Illi l-Artikolu 2153 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta jghid:

> **"***L-azzjoni għall-ħlas tal-ħsarat mhux ikkaġunati b'reat taqa' bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' sentejn."*

Illi, ghalhekk il-preskrizzjoni nvokata mill-intimata taht iz-zewg Artikoli hija ta' sentejn.

Illi l-intimata resqet bhala prova li l-azzjoni odjerna hija preskritta dokument CA1, a folio 12 tal-process, li hija kopja ta' korrispondenza ufficjali mill-Korporazzjoni ghall-Impjiegi u Tahrig (ETC) fejn l-intimata giet infurmata li l-impjieg taghha gie terminat mis-socjetà attrici, bid-data tat-tmiem tal-impjieg iddikjarata mill-istess socjetà attrici bhala "30/06/2013". Illi dan id-dokument ma gie kontestat bl-ebda mod mis-socjetà attrici.

Illi l-kawza odjerna giet prezentata fl-14 ta' Jannar 2016 u ghalhekk minn dik id-data tat-terminazzjoni ta' impjieg ghaddew aktar minn sentejn.

Illi ma saret l-ebda kontestazzjoni da parti tas-socjetà attrici rigward l-applikabilità o meno tal-imsemmija Artikoli tal-preskrizzjoni ghall-kaz odjern.

Illi s-socjetà attrici resqet bhala prova nota a folio 13 tal-process b'kopja ta' skambju ta' emails, u targumenta li minn hemm jirrizulta li l-intimata rrinunzjat ghall-preskrizzjoni.

Illi l-Qorti hija tal-fehma li dan l-iskambju ta' emails juri li l-partijiet kienu qed jippruvaw jaslu ghall-ftehim li però ma mmaterjalizzax stante illi l-intimata ma komplietx tikkomunika ma' Sarah Sammut ghan-nom tas-socjetà attrici, tant illi l-ahhar email a folio 14 mibghut ghan-nom tas-socjetà attrici jghid: "Gentle reminder".

Illi l-Qorti ma tistax taqbel illi dawn l-emails isarrfu f'rinunzja ghall-preskrizzjoni, anke fid-dawl tal-fatt illi, fejn partijiet jippruvaw jiftehmu fuq il-pendenza ta' bejniethom minghajr procedura fil-Qorti izda tali ftehim fil-fatt ma jsehhx, dan ma jistax jingab bhala prova kontra parti jew ohra stante illi t-tentattivi sabiex jintlahaq ftehim ikunu minghajr pregudizzju ghad-drittijiet tal-partijiet.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda tilqa' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni mressqa mill-intimata, tiddikjara l-azzjoni tas-socjetà attrici preskritta, bl-ispejjez kontra s-socjetà attrici.

**(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.**

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur